MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 679/1992/1

**Vincent Buhagiar bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Xara Palace Hotel Co. Ltd.**

**vs**

**Dr. Noel Arrigo bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' ARAX Ltd., Peter Arrigo, Edwin Pisani u John Lowell ilkoll personalment u John Lowell ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Ells Limited u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 1993 gie msejjah fil-kawza Dr. Noel Arrigo u s-socjeta' Parnat Limited rapprezentati minn Vincent Savona u b'digriet tad-9 ta' Marzu 1995 d-digriet tal-kjamat in kawza ta' Dr. Noel Arrigo gie revokat `contrario imperio' u b'digriet tal-20 ta' Gunju, 1996, id-digriet tal-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Parnat Limited rapprezentata minn Vincent Savona gie revokat `contrario imperio'.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fil-15 ta’ Mejju, 1992, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi bi skrittura tad-19 ta’ Gunju, 1981, is-socjeta’ attrici kriet lis-socjeta’ konvenuta Arax Limited, ix-Xara Palace Hotel, Mdina, Malta, bil-kera u kundizzjonijiet indikati fl-istess skrittura [Dokument “A”];

2. Illi skond l-istess skrittura s-*shareholders* ta’ Arax Limited obbligaw ruhhom personalment u solidament mas-socjeta’ konvenuta Arax Limited f’adempiment tal-obbligazzjonijiet tal-istess kuntratt ta’ lokazzjoni, inkluz il-hlas tal-kera;

3. Illi bhala *shareholders* tas-socjeta’ Arax Limited iffirmaw din l-iskrittura fost ohrajn Peter Arrigo, Edwin Pisani u John Lowell, u gie stipulat ukoll li kienu sejrin ikunu responsabbli “*also as individuals, personally”*;

4. Illi l-kuntratt ta’ lokazzjoni gie terminat fit-13 ta’ Gunju, 1980;

5. Illi kien baqa’ dovut lis-socjeta’ attrici kera arretrat sat-tmiem tal-kirja fl-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf, disa’ mija u sitta u erbghin liri maltin, wiehed u tmenin centemzi u tminn millezmi (LM25,946.81c8) u dana skond prospett hawn anness u mmarkat Dokument “B”, ghall-liema hlas ta’ kera huma responsabbli s-socjeta’ konvenuta Arax Limited bhala debitrici principali, u l-konvenuti imsemmija bhala garanti solidali;

6. Illi mill-Memorandum and Articles of Association ta’ Arax Limited jirrizulta illi filwaqt illi Peter Arrigo u Edwin Pisani kienu *shareholders* personalment

f'Arax Limited, John Lowell pero' kien *shareholder* f'isem is-socjeta' The Ells Limited;

7. Illi John Lowell qed joggezzjona li jassumi r-responsabbilita' personali ghall-hlas tal-kera, kif indikata fl-iskrittura, in kwantu qed isostni illi huwa qatt ma kien *shareholder* tas-socjeta' konvenuta Arax Limited, izda kienet is-socjeta' The Ells Limited, minnu rapprezentata li kienet *shareholder* fis-socjeta' konvenuta Arax Limited;

8. Illi minhabba din il-kontestazzjoni da parti ta' John Lowell, is-socjeta' attrici qeghda taghmel talba subordinata kontra s-socjeta' The Ells Limited f'kaz ta' ezitu sfavorevoli kontra John Lowell personalment;

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. is-socjeta' Arax Limited bhala debitur principali, u Peter Arrigo, Edwin Pisani u John Lowell, bhala garanti solidali, ilkoll personalment, jigu minn din il-Qorti kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici solidalment bejniethom is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, disa' mija u sitta u erbghin liri maltin, wiehed u tmenin centezmu u tminn millezmi [Lm25,946.81c8] dovuta f'kera arretrat kif fuq spjegat u kif dettaljat fl-anness prospett Dokument "B";

2. subordinatament fil-kaz ta' ezitu sfavorevoli tad-domanda kontra John Lowell personalment kif kontenuta fl-ewwel talba, is-socjeta' The Ells Limited ghandha tigi kkundannata thallas solidalment mal-ohrajn is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija u sitta u erbghin liri maltin wiehed u tmenin centezmi u tminn millezmi [Lm25,946.81c8] solidalment mal-konvenuti l-ohra, bhala kera arretrata kif fuq spjegat u dan ghar-ragunijiet premessi;

Bl-interessi ta' tmienja fil-mija [8%] *per annum* mid-data tar-relattivi skadenzi u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru, 1990, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Noel Arrigo nomine li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi hu wahdu m'ghandux rapprezentanza tal-kumpanija Arax Limited u b'hekk din is-socjeta' giet imharrka hazin u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-somma ndikata fic-citazzjoni hi ezagerata stante wkoll illi kien gie miftiehem ftit wara t-tigdid tal-kirja illi l-kera pattwita tnaqqset minn LM10000 (ghaxart elef lira Maltin) ghal LM7500 (sebat elef u hames mitt lira Maltin) fis-sena;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Lowell nomine li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi ghandhom jigu kjamati in kawza l-azzjonisti attwali tas-socjeta' Arax Ltd, liema azzjonisti huma responsabbli bhala garanti favur is-socjeta' attrici minflok l-azzjonisti antecedenti u dan skond l-artikolu (p) tal-iskrittura in kwistjoni;

2. Illi l-eccipjent noe ilu li biegh l-ishma tieghu fis-socjeta' Arax Ltd sa mill-1982 lill-azzjonisti godda li kienu accettabbli lis-socjeta' attrici. Ghalhekk ghandu jigi liberat mid-domandi;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Lowell proprio li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi hu qatt ma kien azzjonist fis-socjeta' attrici u qatt ma assuma ebda responsabbilita' personali u ghahekk ghandu jigi liberat mid-domandi;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Arrigo li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi huwa personalment m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Arax Limited bhalma qieghed jallega l-attur nomine, skond kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru, 1993, li in forza tieghu gew kjamati fil-kawza l-Onor. Imhallef Noel Arrigo personalment u s-socjeta' Parnat Limited rapprezentata minn Vincent Savona;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 1994, li in forza taghha irrevokat id-digriet in kwantu din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut Lowell u akkordat il-kjamata fil-kawza tal-Onorevoli Imhallef Dr. Noel Arrigo.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu, 1995, li in forza taghha in vista tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha precedenti ghall-fini tal-kjamat in kawza tal-imsemmi Onor. Imhallef Noel Arrigo;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Frar, 1996, li in forza tieghu din il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph A. Schembri bhala Imhallef Supplenti biex jisma' x-xhieda ta' Vincent Savona;

Rat il-verbal tax-xhieda ta' Vincent Savona migbura mill-imsemmi Imhallef Supplenti;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Gunju, 1996, li in forza tieghu irrevokat `*contrario imperio’* d-digriet taghha kif moghti fit-18 ta’ Ottubru, 1993, in kwantu jirreferi ghal Vincent Savona nomine;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Jannar, 1998, li in forza taghha cahdet it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti Arax Limited u The Ells Limited bl-ispejjez relattivi kontra taghhom;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar, 1998, li in forza tieghu akkordat il-permess mitlub biex isir appell mis-sentenza in parte li giet moghtija;

Rat id-digriet sussegwenti ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Jannar, 1998, li in forza tieghu irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha precedenti tat-13 ta’ Jannar, 1998;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tas-socejta’ The Ells Ltd li in forza taghha eccepiet illi l-kawza odjerna hi, fil-konfront taghha, preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri ta’ John Lowell proprio li in forza taghha eccepixxa illi l-kawza odjerna hi, fil-konfront tieghu, preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-Noti tal-Osservazzjoni pprezentati minn The Ells Limited u minn John Lowell proprio;

Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija xtraxitu ta’ skrittura ta’ lokazzjoni tax-Xara Palace Hotel, Mdina, datata 19 ta’ Gunju, 1981, li in

forza taghha s-socjeta’ Xara Palace Hotel Limited kriet lis-socjeta’ Arax Limited il-lukanda msemmija ghaz-zmien erba’ snin *di fermo* u hames snin *di rispetto*, bil-kera patwit ikun ta’ Lm9,000 fis-sena ghall-ewwel erba’ snin u Lm10,000 fis-sena ghat-tieni perjodu ta’ hames snin, f’kaz li s-socjeta’ inkwilina tisufruwixxi ruhha mit-tieni perjodu ta’ kera’ *di rispetto*. Fuq l-istess skrittura kien hemm zewg klawsoli li jolqtu personalment lill-azzjonisti tas-socjeta’ inkwilina, Arax Limited, u cioe’:

Klawsola (l): *The shareholders of Arax Limited (lessee company) will be responsible for the payment of rent also as individuals, personally with all their assets, present and future.*

Klawsola (p): *The present individual shareholders of Arax Ltd. shall remain personally responsible for the liabilities assumed in this agreement even if they cease to remain shareholders of Arax Ltd. unless substituted by other shareholders acceptable to the lessor.*

Dawn il-klawsoli jfissru, fil-fehma tal-Qorti, illi filwaqt li l-azzjonisti tas-socjeta’ Arax Ltd., hekk kif jinbidlu minn zmien ghal zmien, ikunu responsabbli mas-socjeta’ ghall-hlas tal-kera ghaz-zmien li huma jkunu azzjonisti, dawk il-persuni li kienu azzjonisti fid-data li fih gie ffirmat il-kuntratt, jibqghu responsabbli dejjem ghall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija assunti fuq dik l-iskrittura, anke jekk ma jibqghux azzjonisti, u dan sakemm ma jigux mehlusa minn din ir-responsabbilita’ mis-sidien.

Tajjeb li jigi notat f’dan l-istadju, illi a tenur ta’ l-artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, l-obbligazzjoni personali assunta mill-azzjonisti hija *in solidum* mad-debitur principali, u dan avolja ma gietx indikata fl-iskrittura din is-solidarjeta’. Dan l-artikolu jipprovdi, fil-fatt, illi:

“(1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum*.

(2) L-istess prezunzjoni tghodd ghall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummercjanti, illi jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kummercjali.”

M’hemmx dubju li l-obbligazzjoni in kwistjoni hija wahda kummercjali, u dan peress li l-kirja saret ta’ lukanda ghall-iskop ta’ gestjoni tal-istess ghan-genzoju bi skop ta’ *lucru.* Inoltre, in-negozju sar bejn zewg socjetajiet kummercjali, u skond l-artikolu 5(e) tal-istess Kodici ta’ Kummerc, kull operazzjoni li ghandha x’taqsam mas-socjetajiet kummercjali jew ma l-azzjonijiet taghhom huwa att ta’ kummerc; hekk ukoll hi hekk kwalifikata kull operazzjoni dipendenti jew li ghandha x’taqsam ma tali operazzjoni (artikolu 5(i) ibid). Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza “Sammut vs Borg”, deciza fit-3 ta’ Gunju, 1994, il-kwistjonijiet kollha dwar atti tal-kummerc, huma bejn min huma, anke jekk mhux kummercjanti, huma ta’ natura kummercjali.

Darba, allura, li ma tnizzel xejn kuntrarju fil-ftehim, ir-responsabbilita’ tal-azzjonisti garanti mas-socjeta’ inkwilina ghandha titqies li hi *in solidum*.

Jigi osservat ukoll li ghalkemm l-iskrittura ta’ lokazzjoni giet iffirmata minn Dr. Noel Arrigo, f’isem il-kumpanija Arax Limited, hadd mill-azzjonisti ma’ oggezzjona ghall-obbligazzjoni li Dr. Noel Arrigo assuma f’isimhom, u ghalkemm huma personalment ma kienux kontraenti fuq dik l-iskrittura, huma baqghu sokkombenti ghall-obbligazzjonijiet ta’ natura personali li gew assunti f’isimhom fuq l-iskrittura ta’ lokazzjoni. L-iskrittura ta’ lokazzjoni, fil-fatt, kienet giet iffirmata wkoll minn Peter Arrigo, Edwin Pisani, Vincent Savona u John Lowell, avvolja ma dehrux bhala partijiet fuq l-istess skrittura.

Is-socjeta’ Arax Limited (numru ta’ registrazzjoni C 5304) giet kostitwita fit-2 ta’ Jannar, 1981, u l-azzjonisti taghha kienu Dr. Noel Arrigo, Peter Arrigo, Edwin Pisani, Vincent Savona nomine u John Lowell nomine. Vincent Savona kien azjonist f’isem is-socjeta’ Parnat Limited, filwaqt li John Lowell kien azzjonist f’isem The Ells Limited. L-ewwel diretturi tal-kumpanija kienu Dr. Noel Arrigo u John

Lowell. Din kienet il-posizzjoni tal-kumpanija meta giet iffirmata l-iskrittura ta' lokazzjoni fid-19 ta' Gunju, 1981.

Is-socjeta' attrici resqet din il-kawza kontra s-socjeta' Arax Ltd., bhala d-debitrici principali, u kontra l-garanti *in solidum* Peter Arrigo, Edwin Pisani, John Lowell personalment u f'isem The Ells Limited. Talba biex jigu msejha fil-kawza l-garanti l-ohra, Dr. Noel Arrigo u Vincent Savona f'isem is-socjeta' Parnat Limited, kienet giet michuda b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 1994. Din ic-cirkustanza, ovvjament, ma taffettwax l-azzjoni attrici u dan fid-dawl tal-artikolu 1096 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "Il-kreditur jista' jdur <u>kontra kull min irid</u> mid-debituri *in solidum*, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni" (sottolinear tal-Qorti).

Ghar-rigward tal-posizzjoni ta' John Lowell personalment, dan qed jikkontendi li hu qatt ma assuma ebda responsabbilita' personali. Fil-fatt, jidher li dan il-konvenut ghandu ragun, u dan peress li hu personalment qatt ma kien azzjonist fis-socjeta' Arax Limited, u l-kontribuzzjoni finanzjarja lejn din is-socjeta' kienet tramite s-socjeta' tieghu The Ells Limited, u, ghalhekk, din il-Qorti sejra tilqa' s-sottomissjni tieghu li hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut Dr. Noel Arrigo nomine, eccepixxa li l-kumpanija Arax Ltd, giet imharrka hazin f'ismu, u dan peress li hu wahdu m'ghandux ir-rapprezentanza tal-kumpanija. Din l-eccezzjoni, pero', giet superata biz-zmien, ghax gie deciz mill-Qrati taghna li d-disposizzjonijiet tal-Att XXIV tal-1995 li jipprovdu l-kumpanija tista' tigi mharrka f'isimha minghajr htiega li titharrek ir-rapprezentant taghha, japplikaw ghall-kawzi pendenti, u kwindi ma baqax htiega li tigi ezaminata l-eccezzjoni li l-kumpanija konvenuta kellha tigi mharrka tramite l-persuna jew persuni li skond l-istatut taghha kienu vestiti bir-rapprezentanza guridika taghha (ara "<u>Refalo vs Bonello</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Gunju, 1997; "<u>Fenech vs Felice</u>", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-appell fit-28 ta' Frar, 1997, u

"Scerri vs Redman", deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 2003).

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi attwali, din il-Qorti sejra ma tiehux konjizzjoni ta' din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Arax Limited.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta' Arax Ltd., fis-sens li kien sar ftehim li l-kera pattwita, ghat-tieni perjodu, kellha tonqos minn LM10,000 ghal LM7,500 fis-sena, giet diga' michuda b'sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-8 ta' Jannar, 1998.

Il-konvenuti The Ells Ltd u Peter Arrigo resqu eccezzjoni fis-sens li huma kienu bieghu l-ishma taghhom fis-socjeta' Arax Limited lill-terzi li kienu "accettabbli" u "*ben visti*" lis-socjeta' attrici; din l-eccezzjoni qed tinghata peress li skond klawsola (p) tal-ftehim ta' lokazzjoni, kif intwera, huma jigu liberati mill-garanzija ghaz-zmien ta' wara li jkunu jbieghu l-ishma, jekk, min jakkwista sehemhom, ikun "*acceptable to the lessor".* Din hi allegazzjoni ta' dawn il-konvenuti, u l-piz tal-prova hu mixhut fuqhom.

Is-socjeta' the Ells Limited uriet li bi skrittura tal-15 ta' Jannar, 1993, hi ttrasferit l-150 *share* li kellha fil-kumpanija Arax Ltd. kwantu ghal 100 lil certu Angelo Buttigieg, u kwantu ghal 50 lil Dr. Noel Arrigo f'isem is-socjeta' Jae Limited. Peter Arrigo jghid li hu kien biegh l-ishma tieghu lill-"persuna *ben vista* mill-atturi." Ma giex muri, pero', li s-socjeta' attrici accettat it-terzi bhala responsabbli personalment flok dawn l-azzjonisti originali. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, Vincent Buhagiar, cahad li s-socjeta' minnu rappresentanta qatt accettat azzjonist gdid flok dawk originali; meta tqies li Jae Limited, meta akkwistat parti mill-ishma ta' The Ells Ltd., kienet ghadha "*company in formation",* difficli li wiehed jippresumi l-socjeta' attrici kienet sejra taccetta lil din is-socjeta' l-gdida bhala garanti gdida!

Dak li kellhom juru dawn il-konvenuti mhux li s-socjeta' attrici kienet taf b'dawn it-trasferimenti, izda li s-socjeta' attrici accettathom bhala garanti in solidum flok l-azzjonisti

originali. Dak li qed jallegaw il-konvenuti debituri huwa novazzjoni *ex parte debitoris,* meta, skond l-artikolu 1179 (b) tal-Kodici Civili, “debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur”, liema novazzjoni, skond l-artikolu 1180 (2) tal-istess Kodici Civili “mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car” (sottolinear tal-Qorti). Kif intqal fil-kawza “Tirchett vs Apap”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Gunju, 1917, (Vol. XXIII.I.455), “*La novazione di stretto diritto non si presume, ma deve risultare chiarament; tutta via la legge non esige solemnita’ di parole, purche’ la volonta’ di novare apparisca dal fatto o dal detto delle parti.”* Intqal ukoll li n-novazzjoni ma hi qatt prezunta, u fid-dubbju ghandha tkun eskluza (“Abela vs Abela”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta’ Marzu, 2003). L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Bongailas vs Deguara”, deciza fit-18 ta’ Marzu, 1988, qalet li l-*animus novandi* jekk ma jkunx espress, irid jirrizulta b’mod car u univoku.

F’dan il-kaz, ma giex muri li s-socjeta’ attrici qatt tat il-kunsens taghha, espress jew tacitu, ghas-sostituzzjoni tal-azzjonisti originali bhala debituri *in solidum* b’persuni ohra. Ghaldaqstant, nonostante l-fatt li, maz-zmien, l-azzjonisti fis-socjeta’ inbidlu, dawk originali jiqbghu responsabbli ghat-twettiq tal-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta’ Arax Limited, u dan ai termini ta’ klawsola (p) tal-kuntratt ta’ lokazzjoni.

Ghar-rigward tal-meritu tat-talba attrici, jirrizulta pruvat li s-socjeta’ inkwilina, wara li ghalaq l-ewwel perjodu pattwit ta’ erba’ snin, dahlet fit-tieni perjodu kontrattwali u dana peress li ma haditx okkazzjoni mill-opportunita’ moghti lilha fuq il-kuntratt li tittermina l-kirja wara l-ewwel perjodu ta’ erba’ snin. Darba li dahlet fit-tieni perjodu kontrattawli, hi dahlet f’obbligu li thallas kera ekwivalenti ghal LM10,000 fis-sena, u dan ghal-hames snin, sa ma skada t-terminu patwit fit-30 ta’ Gunju,1990.

Il-kera dovuta u l-pagamenti li saru jinsabu deskritti fi *statement* ippreparat mis-socjeta’ attrici u kkonfermat mir-rapprezentant taghha. Il-lista ta’ pagametni li saru ma

gietx kontestata u lanqas ma gie allegat li sar xi pagament iehor oltre dawk elenkati mis-socjeta’ attrici. Minn dan l-*istatement* jirrizulta li l-kera kollha dovuta tammonta ghal LM86,000 u l-pagamenti li saru tul is-snin lahqu l-ammont ta’ LM60,053.18c2; ghalhekk, jibqa’ bilanc dovut ta’ LM25,946.81c8. Wara li s-socjeta’ attrici ziedet ma’ dan il-bilanc is-somma ta’ Lm497.40c0, rappresentanti hlas ta’ licenzja ghall-lukanda li sar minnha meta suppost kellu jsir mis-socjeta’ konvenuta, is-somma bilancjali dovuta telghet ghal LM26,444.21c8. Is-socjeta’ attrici, pero’, f’din il-kawza qed titlob biss il-hlas tal-arretrati tal-kera, u kwindi, hi limitata ghas-somma ta’ Lm25,946.81c8.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni b’gheluq ta’ hames snin, sollevata mis-socjeta’ The Ells Limited, ghandu jigi precisat li “L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri *in solidum,* u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom” – artikolu 1100 tal-Kodici Civili.

Jirrizulta mill-provi attrici, li l-kera tal-ewwel perjodu ta’ erba’ snin kien gie mhallas kollu, waqt li l-kera dovuta ghat-tieni perjodu ta’ hames snin ma giex imhallas fl-intier tieghu. Ghalhekk, il-bilanc dovut jkopru l-bilanc tal-kera dovut ghaz-zmien 1 ta’ Lulju, 1985 sat-30 ta’ Gunju, 1990. Ghal dan il-hlas id-debitur principali, u l-garanti *in solidum* Dr. Noel Arrigo, Peter Arrigo, u Edwin Pisani, gew interpellati b’Ittra Ufficcjali tal-21 ta’ Novembru, 1990, u lkoll gew debitament notifikati entro xahar mill-hrug taghha (artikolu 2130 tal-Kodici Civili). Kontra s-socjeta’ The Ells Limited giet ippresentata Ittra Ufficjalif l-10 ta’ Gunju, 1991, izda din ma gietx servuta fuq is-socjeta’ intimata, u, allura, dik l-Ittra Ufficjali ma tistax isservi bhala interruzjoni tal-preskrizzjoni. Kif inghad, pero’, id-debitu huwa wiehed *in solidum* bejn id-diversi ko-debituri, u kwindi l-interruzzjoni li saret fil-konfront tad-debitur principali u fil-konfront ta’ whud mill-garanti, tghodd ukoll ghas-socjeta’ eccipjenti, debitrici *in solidum* ma l-ohrajn.

Oltre dan, fl-atti tal-kawza, hemm cirkustanzi ohra li jwasslu ghall-interruzzjoni tad-dejn. Hemm l-attitudini tas-socjeta’ konvenuta, Arax Limited, li, kif jidher car mid-deposizzjoni ta’ Dr. Noel Arrigo, qatt ma cahdet li kienet debitrici, izda kienet qed tikkontesta l-ammont mitlub. Din l-attitudini, skond il-gurisprudenza lokali, twassal ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi rinunzja ghall-istess (ara “Azzopardi vs Cassar”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 1998, u “Guillaumier vs Aveta”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Dicembru, 1998).

Jirrizulta wkoll li, tul iz-zminijiet, saru diversi pagamenti akkont, b’pagamenti jsiru anke f’Mejju u Awissu tal-1990. Dawn il-pagamenti jservu wkoll, skond il-gurisprudenza, biex jinterrompu l-preksrizzjoni (ara, per ezempju, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-31 ta’ Mejju, 1995, fil-kawza “Sammut vs Vella”).

Kwindi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-kumpanija konvenuta The Ells Limited ghandha tigi michuda. Din l-eccezzjoni giet sollevata wkoll mill-konvenut John Lowell proprio, izda l-Qorti m’ghandhiex bzonn tikkonsidraha fid-dawl tad-decizjoni mehuda precedentement li l-istess John Lowell ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi mill-kawza, billi, fl-ewwel lok, tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut John Lowell personalment u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, fit-tieni lok, ma tiehux konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Dr. Noel Arrigo nomine, u tiddikjara li t-tieni u l-ahhar eccezzjoni tieghu kienu gew michuda b’sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-8 ta’ Jannar, 1998, u wara li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenuti l-ohra, inkluz dik ta’ preskrizzjoni, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Arax Limited, Peter Arrigo, Edwin Pisani u The Ells Limited li jhallsu *in solidum* bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf disa’ mija u sitta u erbghin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu u tminn millezmi

(Lm25,946.81c8), bhala arretrati ta' kera, bl-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq din is-somma mit-30 ta' Gunju, 1990, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-erba' konvenuti Arax Ltd., Peter Arrigo, Edwin Pisani u The Ells Ltd., *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------